

# ĦU L-INIZJATTIVA

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

l-Unjoni Ewropea

# ĦU L-INIZJATTIVA

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

### L-għodda tiegħek biex tifforma l-politika Ewropea

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi opportunità biex tkun direttament involut fil-proċess demokratiku Ewropew, billi tippermettilek li jkollok sehem akbar fil-politiki tal-UE li jaffettwawlek ħajtek.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi unika. Hi l-ewwel għodda li tippermetti liċ-ċittadini minn diversi pajjiżi tal-UE li jingħaqdu flimkien u jipproponu tibdiliet legali konkreti dwar kawża komuni. Bħala ċittadin tal-UE, int tista' jew tingħaqad ma' grupp ta' organizzaturi biex tniedu inizjattiva, jew tagħti l-appoġġ tiegħek lil inizjattiva eżistenti.

Biex titnieda inizjattiva, meħtieġa **7 ċittadini tal-UE**, li jgħixu tal-anqas f'**7 Stati Membri differenti** li għandhom biżżejjed età li jistgħu jivvotaw. Meta proġett jiġbor **miljun firma**, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiddeċiedi jekk tieħux azzjoni jew le.

Inizjattiva taċ-ċittadini hi possibbli fi kwalunkwe qasam fejn il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni, bħall-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-agrikultura, is-sajd, l-enerġija, it-trasport u l-kummerċ.

*Għal aktar informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, inkluża l-lista tal-inizjattivi bħalissa miftuħin għall-appoġġ, żur:*

**ec.europa.eu/citizens-initiative/**

**#EUTakeTheInitiative**

© L-Unjoni Ewropea, 2022
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Print: KA-07-22-774-MT-C
PDF: KA-07-22-774-MT-N